MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Numru. 543/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Jane Scicluna bint Joseph Debono u Tarcisia nee' Azzopardi,
imwielda fit-2 ta' April, 1938 u residenti 6,
Triq il-Librerija, Rabat, Ghawdex,
detententrici tal-karta tal-identita' numru 25638(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Jane Refalo li giet akkuzata talli matul il-perjodu li jkopri l-ahhar tnax-il xahar mil-lum 29/07/2008 sabiex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, bl-awtorita' taghha nnifisha, zammet lil kwerelant Lino Debono mili jaccedi b'mod

liberu fil-fond 52, 53, 54 u 55 fi triq l-Assunta, Rabat, Ghawdex:

Rat id-dokumenti esebieti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi il-fattispecje ta' dana il-kaz huma semplici. Il-parti leza Lino Debono huwa wiehed mill-werrieta tal-fond 52, 53, 54 u 55, Triq l-Assunta, Rabat, Ghawdex. Dana il-fond kien jappartjeni lill-genituri tieghu. Missieru miet intestat u ghalhekk jidher illi mal-mewt tieghu wirtu sehmu is-sitt ahwa inkluz Lino Debono. L-omm halliet testament u mal-mewt taghha jidher illi sehma ukoll intiret mill-ahwa, izda hija halliet bhala ezekutrici testamentarja lill-imputata u dan skond kif jirrizulta mid-Dokument JS esebiet fl-atti. Jidher illi wara li inqassmu xi oggetti mobbli provenjenti mill-wirt, Debono talab lill-imputata tghaddiehlu kopja tac-cavetta ta' dana il-fond, izda hija baqghet ma ghamlitx dana u qaltlu illi jekk xtaq jidhol fil-fond kienet tmur tiftahlu hija stess.

Illi l-imputata min naha taghha ma tidhirx illi qed tikkontesta dawn il-fatti. Hija ma xehditx f'dawn il-proceduri izda esebiet dokument minn fejn jirrizulta illi hija giet ikkonfermata ezekutrici testamentarja skond il-ligi. B'hekk hija tikkontendi illi bhala ezekutrici hija tista' tamministra il-beni tal-mejta u ma ghandha l-ebda obbligu ghalhekk tghaddi kopja tac-cavetta ta' dana il-fond lill-werrieta l-ohra.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-ezekutur testamentarju huwa mandatarju sui generis, li ghandu izomm ruhu fil-limiti ta'l-inkarigu tieghu u ma ghandu l-ebda fakolta ohra hlief dawk necessarji ghall-adempiment tad-disposizzjonijiet testamentarji. Ghaldaqstant allavolja ikun hemm nominat ezekutur testamentarju tal-wirt, l-amministrazzjoni tal-istess wirt tibqa' nvestita fl-eredi u dana sakemm it-testatur ma ikunx inkariga formalment lill-

ezekutur testamentarju biex jamministra l-beni ereditarji sa ma issir il-qasma.

Illi l-imputata madanakollu naqqset milli tressaq bhala prova t-testment ta’ ommha u dana sabiex jigi stabbilit x’kienu il-parametri ta’l-inkarigu taghha u jekk hija verament kelliex ukoll l-amministrazzjoni tal-beni ereditarji fdati f’idejha. Lanqas ma ressqet provi ghar-rigward tal-fatt jekk l-ezekuterija illum hijiex konkluza jew le u jekk allura illum verament ghandhiex dawn il-jeddijiet.

Illi huwa fatt mhux kontestat illi Debono huwa werriet u ghalhekk ghandu sehem mill-fond mertu ta’ dina l-kawza. Illi inoltre huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputata ma kenitx giet nominata ezekutur testamentarju ghar-rigward tal-beni tal-missier li miet intestat u kwindi fi kwlaunkwe kaz ghar-rigward tas-sehem talvolta spettanti lill-parti leza mill-wirt tal-missier hija certament ma ghandha l-ebda inkarigu ta’ amministrazzjoni.

Kwindi l-imputata ma ghandha l-ebda jedd illi icahhad lill-werrieta u ghalhekk koproprjetarji ta’ dana il-fond illi ikollhom cavetta ghall-istess fond.

Illi kif deciz fil-gurisprudenza taghna l-elementi tar-ragion fattasi huma erba’:

1. att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwiet kontra l-opposizzjoni espresso jew prezunta ta’ dan il-haddiehor;
2. il-kredenza li l-att qed isir fl-esercizzju ta’ dritt.
3. il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel “di braccio privato” dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita pubblika; u
4. in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Illi mill-provi li ghandha quddiemha, l-Qorti hija sodisfatta li dawn l-elementi jirrizultaw ippruvati bl-att maghmul ill-imputata li icahhad lill-parti leza minn cavetta ghall-fond illi tieghu huwa proprjetarju taht il-pretensjoni illi hija ezekutrici testamentarji ta’l-omm u ghalhekk qieghda icahhad u tfixkel lil-parti leza kif ukoll lil werrieta l-ohra mit-tgawdija u l-pussess ta’ dana il-fond li huwa hwejjighom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-impuatta hatja ta'l-akkzua migjuba fil-konfront taghha, tikkundannaha multa ta' mitt ewro u tordna lill-imputata sabiex tghaddi kopja tac-cavetta tal-fond 52, 53, 54 u 55 Triq l-Assunta Rabat, Ghawdex lill-parti leza u dana fi zmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------